# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 17 ta' Lulju 2023**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Vivianna Salamone (K.I 213778M)**

**GK 33/22 NB**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Vivianna Salamone nee' Grech, bint Carmelo Grech u Maria Grech nee' Cassar, imwielda nhar it-2 ta' Marzu 1978, residenti gewwa fond 57, Casa Salamone, Triq l-Adrijatiku, San Gwann, u detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 213778(M)**, akkuzata talli:

*Billi inti akkuzata/a talli fis-7 ta' Lulju 2021 ghall-ħabta ta' 20.30hrs ġo Dolci Peccati Triq it-Torri, Sliema.*

*Nqast li tobdi direzzjonijiet (Standards for operations on the principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's Tourism Infrastructure) maħruġ mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, applikabbli għal istabbiliment hawn fuq indikat, meħtieġ għall-kontroll tal-mard taħt Kapitlu 465 – Liġijiet ta' Malta liema direzzjonijiet ġew maħruġa biex jikkombattu l-Covid-19.*

***IKKUNSIDRAT***

Illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Il-Qorti semghet ukoll it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u tad-Difiza.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: l-ammissjoni taghha, n-numru ta' infrazzjonijiet riskontrati u n-natura per se tal-akkuzi.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat il-Kap 465 tal-Ligiiet ta' Malta u l-*Standards for operations on the principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's Tourism Infrastructure)* maħruġ mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, fuq ammissjoni, issib lill-imputata **Vivianna Salamone (K.I 213778M)** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u tikkundannaha multa ta' tlett mitt Ewro (€300)

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Lulju 2023**